**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 12 ta' Lulju 2017**

Numru 18

**Rikors Guramentat Nru. 363/2017**

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta PUMA AG Rudolf Dassler Sport**

**vs**

**Dr Christopher Chircop u P.L. Mario Mifsud Bonnici nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Shenzhen Zongtian Import and Export Co. Ltd. b'digriet tas-16 ta' Mejju 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-21 ta' April 2017 li jghid hekk:

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f'Malta bin-numru 13092.

Illi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravvjena t-trademark in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-trademark ghar-rigward ta' oggett li huwa identici ma' dawk li dwarhom it-trademark tas-socjeta attrici giet registrata u dan billi gab f'Malta kwantita ta' zraben (300 par flip flops) bil-marki ta' "Puma" liema oggetti

mhumiex modelli tas-socjeta attrici u ghandhom ”clear cut infingements of PUMA trademarks”.

Illi ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u/jew prodotti u/jew importati f'Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta tas-socjeta attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 tal-Att dwar it-Trademarks u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta (EC 1383/2003).

Ghaldaqstant jitlob lil Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravvjena t-trademark jew trademarks proprjeta tas-socjeta attrici u l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk ikkaguna danni lis-socjeta attrici;

2. Tordna l-qerda tal-oggetti (300 par flip flops) spaccjati u/jew prodotti u/jew migjuba f'Malta fil-container ECMU8062686 mill-konvenut bit-trademark/s tas-socjeta attrici.

Bl-ispejjez presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni. B'riserva ghall-azzjoni ta' danni.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tad-29 ta' Mejju 2017 fejn ecceppew:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jiddikjaraw li ghadhom ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghaldaqstant qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti u dan sabiex ikunu jistghu jressqu l-ahjar difiza ghan-nom tas-socjeta Shenzen Zongtian Imprt and Export Co. Ltd.;
2. Illi dwar il-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi hija s-socjeta rikorrenti li ghandha l-piz tal-prova u cioe illi trid tkun ir-rikorrenti li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinci lil dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qeghda taghmel fil-konfront tal-assenti huma fondati;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marki 'PUMA' u 'Cat' u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks f'Malta bin-numri 13091 u 13092.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'container numru ECMU8062686 kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur HS PARIS li kien diehel Malta fl-20 ta' Frar 2017 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja kontenenti fi tlett mitt (300) par flip flops u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport (fol. 5) maghmul min Ulla Sieber, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skont il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Randolph Mizzi datat 25 ta' April 2017 (fol. 9) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Ulla Sieber li kkonfermaw li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi dawk sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti huma a karigu tas-socjeta konvenuta. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej.

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi tlett mitt (300) par flip flops u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container numru ECMU8062686 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil konvenuta u a spejjez taghha;

3. Tordna lil konvenuta thallas l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati u tal-ispejjez tal-Ufficjal tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 u tar-regolament EU 608/2013, u dan kif jirrizulta mill-affidavit ta' Randolph Mizzi (fol. 10);

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur